MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-6 ta' April, 2004

Rikors Numru. 409/1997/1

Joseph Masini
vs
Direttur tal-Ezamijiet u Onorevoli Ministru ghall-Edukazzjoni

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta li f'April 1992 ir-rikorrent qaghad ghall-ezami tal-Administrative Officers. Billi huwa ma kienx sodisfatt bir-rizultat, talab li ssir "revision of papers" ghas-sodisfazzjon tieghu, skond kif kien qal il-Ministru ghall-Edukazzjoni fil-Parlament fit-23 ta' Gunju 1993. Izda r-Registratur tal-Ezamijiet insista li 'revision of papers' ma ssirx quddiem il-kandidati jew rapprezentanti taghhom.

Illi r-rikorrent talab lill-Kummisjoni tal-Ingustizzji biex hija tiddeciedi li r-'revision of papers' issir kif kien qal il-Ministru fil-Parlament.

Illi l-kummissjoni tal-Ingustizzji iddecidiet li "ma tarax allura l-Kummssjoni ghax il-kaz ma ghandux jigi rizolt billi l-applikant jinghata istruzzjonijiet biex f'gurnata u hin stabbiliti, jithallas dak minnu dovut skond ir-regolarmenti u ssir ir-revizjoni tal-karti kif jixtieq fil-prezenza ta' persuna ta' fiducja tieghu".

Illi minkejja dik id-decizjoni, l-applikant ma nghatax l-opportunita' li ssirlu r-revizjoni tal-karti fil-prezenza ta' persuna ta' fiducja tieghu.

Illi ghalhekk l-ingustizzja originali tar-rifjut tar-Registratur u tal-Ministru ghall-Edukazzjoni li jilqghu t-talba tar-rikorrent zdiedet b'ingustizzja ohra li l-intimati anqas obdew id-decizjoni tal-Kummissjoni mwaqqfa biex jithassru ingustizzji.

Illi l-ilment odjern tar-rikorrent huwa dwar il-fatt li l-intimati m'accettawx u ma segwewx id-decizjoni msemmija tal-Kummissjoni tal-Ingustizzji.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilment tar-rikorrent skond l-Att VIII ta' l-1997 u jaghti rimedju xieraq billi jordna li r-rikorrent jinghata l-fakulta' li ssirlu 'revision of papers' tal-ezami msemmi fil-presenza tieghu jew ta' persuna tal-fiducja tieghu, u fin-nuqqas ta' dan, it-Tribunal jiddeciedi li r-rikorrent ghandu jitqies li ghadda mill-ezami msemmi tal-Administrative Officers tal-1993, jew li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens finanzjarju ghall-ingustizzja li garrab fis-somma ta' mhux anqas minn Lm5,000.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u tad-Direttur ta' l-Ezamijiet li eccepew:

(1) Illi preliminarjament l-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza

odjerna stante dak li hemm provdut fl-Artikolu 181 B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

(2) Illi bla pregudizzju ghas-suespost dan it-Tribunal ghandu jiddeklina li jezercita l-poteri tieghu skond l-artikolu 6(2) ta' l-Att VIII ta' l-1997 ghaliex ir-rikorrent kien diga' ha l-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u l-fatt li ma kienx soddisfatt ma jfissirx li ghad ghandu xi dritt li jressaq l-ilment tieghu quddiem it-Tribunal.

(3) Illi fl-ezamijiet li jaqghu taht il-Board of Local Public Examinations il-procedura dejjem kienet li r-revizjoni tal-karti terga' ssir mill-istess ezaminaturi li kienu ikkoregew il-karti minghajr il-prezenza tal-kandidat. Ghalhekk fir-rikors huwa nieqes element importanti mitlub mill-artikolu 6 ta' l-Att VIII jigifieri "undue distinction" ghaliex 'il hadd ma kien qed jinghata permess li jkun prezenti waqt ir-revizjoni tal-karta tieghu f'dawn it-tipi ta' ezamijiet.

(4) Illi, wara d-decizjoni tal-Kummissjoni ta' l-Ingustizzji, id-Direttur ta' l-Ezamijiet kiteb lir-rikorrent biex ihallas hdax-il lira Maltija (Lm11) biex setghet issir ir-revizjoni tal-karta izda dan qatt ma hallashom u ghalhekk il-procedura waqfet ghaliex ir-rikorrent qatt ma attompera ruhu mat-talba tad-Direttur ta' l-Ezamijiet.

(5) Illi ghaldaqstant it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti pprezentati mill-intimati.

Ra r-risposta ta' l-intimati li eccepew:

Illi permezz tar-rikors tieghu ta' l-24 t' April, 2000, ir-rikorrent talab li l-proceduri fl-ismijiet indikati jinstemghu quddiem l-Assistant Gudizzjarju f'Ghawdex;

Illi l-intimati xtaqu jirrilevaw fl-ewwel lok li din hi t-tieni darba li qed tigi intavolata talba simili mir-rikorrent, b'dana li l-istess talba diga` giet respinta mit-Tribunal fit-22 ta' Settembru, 1998;

Illi fir-risposta ghall-ewwel rikorsipprezentat mir-rikorrent, l-intimati kienu oggezzjonaw ghat-talba maghmula mill-istess rikorrenti ghaliex preliminarjament, kemm l-intimat kif ukoll ix-xhieda kollha indikati mill-partijiet jirrisjedu hawn Malta u ghalhekk ma kienx siewi li l-proceduri jigu traslokati ghal Ghawdex, u mbaghad skond l-art 767 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), l-intimat ghandhom favur taghhom il-privilegium fori;

Illi l-intimati ma kellhom xejn aktar x'izidu ma' dan.

Ghaldaqstant l-intimati ssottomettew li t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors tieghu ta' l-24 t' April, 2000, ghandha tigi michuda mit-Tribunal ghar-ragunijiet premessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi <u>r-rikorrent</u> ipprezenta affidavit fejn qal li semma li hu kellu kaz quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, u wara d-decizjoni tal-Kummissjoni, ircieva ittra mill-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn gie infurmat li l-Ministru tal-Edukazzjoni kien lest jaghmel ir-revizjoni skond il-proceduri stabbiliti. Qal ukoll li kienu saru xi mistoqsijiet parlamentari dwar il-kaz tieghu. Hu cahad li hu rrifjuta li jhallas il-hlas dovut biex issir ir-revizjoni tal-karti tal-ezami, anzi, basta r-revizjoni tal-karti ssir kif qal il-Ministru tal-Edukazzjoni fil-Parlament. Semma li kienet saret laqgha wara Ottubru 1996, mal-Bord tal-Ezamijiet. F'din il-laqgha gew stabbiliti xi fatti, fosthom li hadd ma jaf il-marka average peress li l-lista tal-marki tal-ezami giet mahruga. Semma wkoll li rrizulta li l-pass mark kienet 120 u l-average mark 110. Qal ukoll li rrizulta li c-Chairman tal-Bord tal-Ezamijiet Dr. Victor Borg Grech, ried li ssir

revizjoni tal-karta tal-ezami mill-istess ezaminaturi li kienu kkoregew il-karti tal-ezami fl-1992. Spjega, li minhabba li hu ghadu mhux fi skala 9, peress li m'ghaddiex mill-ezami, ma setax joqghod ghal ezami ta' Senior Principal u ser jeffetwalu l-pensjoni tat-Tezor.

Ir-rikorrent ghamel referenza u pprezenta kopja tad-diskors fil-Parlament tal-Ecc. T. il-President Emeritus [dak iz-zmien Onor. Ministru tal-Edukazzjoni] Dr. Ugo Mifsud Bonnici tas-seduta tat-23 ta' Gunju, 1992 fejn qal:
"Jien favur li ghandu jsir fl-ezamijiet l-ohra kollha fejn jikkmanda r-Registratur ta' l-ezamijiet, jigifieri meta titlob revision of papers ghas-sodisfazzjon tieghek, jew tiehu lil xi hadd mieghek biex jara l-karta li trid int – kif isir fl-ezaijiet ta' l-entrance tal-Liceo u fl-ezamijiet l-ohrajn kollha – jew b'xi mod jew iehor tinghata sodisfazzjon halli tkun konvint li l-korrezzjoni tal-karta tieghek tkun saret tajjeb…….L-Universita' tirregola hi l-metodu ta' l-ezami, pero` jiena favur tal-metodu ta' l-ezami, pero' jiena favur tal-metodi kollha li jaghtu sodisfazzjon shih lil min jigi ezaminat"
Giet esebita wkoll id-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Inevstigazzjoni ta' Ingustizzji dwar il-kaz fejn fil-parti finali (deciza minn Dr. Joseph Said Pullicino, Carmel Baluci u Paul Saliba) ntqal:
"Ma tarax allura l-Kummissjoni ghax il-kaz m' ghandux jigi rizolt billi l-applikant jinghata istruzzjonijiet biex f' gurnata u hin stabbiliti, jithallas dak minnu dovut skond ir-regolamenti u ssir ir-revizjoni tal-karti kif jixtieq fil-prezenza ta' persuna ta' fiducja tieghu. Mhux il-kaz li l-Kummissjoni tesprimi ruhha dwar jekk l-applikant sofriex jew le xi diskriminazzjoni in kwantu tqis li l-applikazzjoni ghal revizjoni tal-karti kienet ghadha ma gietx deciza definittivament.

<u>DECIZJONI</u>

Il-Kummissjoni tiddisponi mill-ilment billi tiddeciedi fis-sens li tirrakkomanda li jsir kif fuq spjegat."

Xehed <u>Patrick Grima</u>, li qabel kien E.O., il-Board of Examinations, u kien jiehu hsieb kull ezami lokali pubbliku. Qal li l-kaz in ezami kien ezami intern. Qal li wara li jinfethu l-applikazzjonijiet, jintlaqghu l-

applikazzjonijiet u jsir il-vetting taghhom, biex jaraw min hu elegibbli, imbaghad jistabilixxu n-numru tal-kandidati u jigu decizi d-dati u jiltaqa' l-bord li ser jaghmel l-ezami. Qal li l-ezaminaturi jiltaqghu dak in-nhar tal-ezami fil-ghodu, fid-dipartiment. Qal li wara li jsir l-ezami, is-supervisor itella' l-iscript ghand ir-registratur, u l-iscripts li fuqhom ikollhom index number, mhux isem il-kandidati u kull ezaminatur jikkoregi u jkollu marki individwali, mbaghad fl-ahhar, jiltaqghu l-ezaminaturi bejniethom u tinhareg marka finali. Semma li d-Dipartiment kien ikollu r-rizultat, u wara jigu pubblikati fin-notice board, bl-order of merit b'kollox, u jkun hemm zmien ta' 8 working days biex min irid jaghmel revision of paper, u qal li jkunu l-istess tlett ezaminaturi li jaghmlu r-revizjoni.

Zied ighid li fil-kaz tas-Sur Masini, r-revizjoni ma saritx, ghax ma sarx il-hlas. Izda qal li kien hemm xi okkazjonijiet meta xi persuni wkoll gew ghand id-Direttur u ntwerew l-iscript, u anke darba sar bord meeting apposta, u kien hemm ir-rikorrent u Dr Karmenu Mifsud Bonnici. Qal li jidhirlu, li s-Sur Masini kellu tliet karti tal-ezami, u qal li dawn l-iscripts, normalment jinzammu ghal sentejn u wara jigu mahruqin, zied ighid li l-iscripts tar-revision of paper biss jinqalghu minn posthom jinzammu fil-general file. Spjega li fil-kaz tas-Sur Masini, minkejja li ma kenitx saret ir-revision of paper, kienu qalghu l-iscript u zammewh ma' dawk tar-revision of paper u r-rikorrent ma kienx applika fit-terminu ta' tmint ijiem. Meta ra d-dokument a fol 28, qal li fuq din il-karta li tkun fuq wara tat-time-table ma kienx hemm imnizzel il-hlas dovut, u ma kenitx imnizzla din tat-tmint ijiem.

Qal li peress li kienu jitolbu hafna drabi revision of papers, inutilment, bdew dejjem jitolbu ghall-hlas. Zied ighid li r-revizjoni tar-rikorrent ma saritx, ghax ma sarx il-hlas relattiv, u ghax kien insista dwar il-fatt li jkun prezenti u l-policy dak iz-zmien kienet, u ghadha hekk, li la jkun prezenti l-kandidat u anqas rapprezentant tieghu.

Xehed <u>John Gatt</u> li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Ezamijiet. Qal li l-ezaminaturi jinghataw lista tal-kandidati individwalment minghajr ma jkunu jafu wiehed lill-iehor, u

jissettjaw karta tal-ezami individwalment. Qal, wara li jsir l-ezami jitilghu l-iscript books bl-index number. Qal li kull examiner jara kull domanda ta' kull kandidat indipendenti minn xulxin, u wara jiltaqghu u johorgu average tat-tlett marki taghhom. Qal li meta tintalab revision of paper, l-ezaminaturi jergghu jiltaqghu u jergghu jaraw l-iscript mill-gdid, u biex isir dan, l-individwu jrid ihallas il-fee fi zmien tmint ijiem, li fil-kaz in kwistjoni ma kien thallas xejn. Ghar-revizjoni, qal li jkunu prezenti biss l-ezaminaturi, ghalhekk il-kandidat ma jkunx prezenti, u anqas rapprezentant tieghu. Semma li din hi procedura li ilha minn dejjem u ma kien hemm l-ebda eccezzjoni taghha. Spjega li fil-fatt kienet ittiehdet id-decizjoni tal-Kummissjoni biex wiehed jerga' jara l-karti, u kien hemm anke d-direttiva tal-Ministru f'dan ir-rigward, izda xorta ma setghu jaghmlu xejn, peress li l-hlas dovut ma kienx gie mhallas. Zied ighid li l-iscripts, normalment jinzammu sentejn, izda fejn kien hemm talba biex jergghu jigu riveduti, dawn jinzammu anke iktar. Qal li f'dokument a fol 27, m'hemmx imnizzla l-kundizzjoni tal-hlas tal-pagament, biex issir revizjoni tal-karti. Izda, qal li fil-kaz tar-rikorrent, hu kien gie moghti terminu biex ihallas, u b'hekk issir ir-revizjoni, u r-rikorrent, kien baqa' inadempjenti. Hu rrefera ghal dokument a fol 127, l-ittra tas-Sur Masini u kkonferma li kien irceviha.

**KONKLUZJONIJIET:**

A] Illi b'sentenza tat-18 ta' Novembru, 1999 ta' dan it-Tribunal giet deciza l-eccezzjoni tal-***Ministru tal-Edukazzjoni li mhux il-legittimu kontradittur*** billi laqa' din l-eccezzjoni u illiberah mill-osservanza tal-gudizzju.

B] Id-Direttur tal-Ezamijiet eccepixxa li t-Tribunal ghandu ***jiddeklina li jezercita l-poteri tieghu skond l-artikolu 6(2)*** ta' l-Att VIII ta' l-1997 ghaliex ir-rikorrent kien diga' ha l-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u l-fatt li ma kienx soddisfatt ma jfissirx li ghad ghandu xi dritt li jressaq l-ilment tieghu quddiem it-Tribunal. Fl-istess data tat-18 ta' Novembru, 1999 it-Tribunal stqarr:
"Dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' din l-eccezzjoni preliminari tal-intimat ghax infatti din mhix l-istess talba, izda l-ilment

hu bazat fuq il-fatt li ma gietx implimentata d-decizzjoni tal-Kummissjoni wara li kien sar l-ilment originali. L-ilment odjern tar-rikorrent huwa li l-awtoritajiet naqsu li jottemperaw ruhhom mad-decizzjoni tal-Kummissjoni [Ara f'dan is-sens ukoll John Debono vs Direttur Generali MPO ta' l-1 ta' Dicembru, 1998.] Ghal dawn il-motivi jichad it-tieni eccezzjoni preliminari."

C] ***Il-meritu tal-kaz***. Jinghad li hawn ghandna kaz ta' burokrazija stinata. Infatti ghalkemm kien hemm decizjoni tal-awtoritajiet li stipulaw li ghandha ssir ir-revizjoni xorta wahda impjegati tal-Gvern iddecidew li jimxu kif deherlihom huma u mhux kif gie suggerit lilhom.
It-Tribunal ikkwota lill-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iz-zmien kif ukoll id-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji bi skop u cioe` biex juri li l-pozizzjoni kienet giet maghmula cara x' linja kellhom jiehdu n-nies tal-Gvern. Sfortunatament spiss jigri li ghalkemm ikun hemm direttiva minn Ministru jew mill-Qorti jew minn Tribunal li ufficjali tal-Gvern jibqghu b' mod stinat jinsistu li l-linja taghhom hija l-wahda t-tajba u hekk gara f' dan il-kaz.

L-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iz-zmien kien hass li fiz-zmien tal-lum ghandu kollox isir sa fejn jista' jkun bit-trasparenza kbira u li persuna li titlob ir-revizjoni tal-karti ghandha tkun prezenti jew ikollha rapprezentant prezenti li naturalment jista' jkun biss osservatur u ma jistax joltrepassa l-limiti tal-osservazzjoni. Dan naturalment qieghed jinghad ghall-kaz fejn giet espressa kontestazzjoni b' mod ufficjali bhal ma hu l-kaz ta' revision of papers. Il-Kummissjoni kienet hasset l-istess fejn esprimiet li ma tarax ghaliex il-kaz m' ghadux ikun risolt billi f' gurnata definita ssir ir-revizjoni tal-karti fil-prezenza ta' persuna ta' fiducja tar-rikorrent. Dawn huma principji sakri fiz-zmenijiet tal-lum ghax decizjonijiet diskussi minn wara l-kwinti huma reminixxenti taz-zmenijiet tal-inkwizizzjoni. Infatti din hi sistema li giet uzata matul is-snin mill-Qrati fejn il-pubbliku huwa ammess matul il-process u llum il-gurnata tintuza mill-Kunsilli Lokali u diversi Bordijiet fejn il-pubbliku huwa ammess dejjem fil-lat ta' osservatur.

U la kien kien hemm tali decizjoni ghaliex in-nies tal-Gvern irrifjutaw li jimplimentaw din id-decizjoni? Huwa veru li fil-kors tal-kawza saru diversi sforzi minnhom biex isostnu li r-revizjoni tal-karti ma saritx minhabba li r-rikorrent kien stinat li ma riedx ihallas ghar-revizjoni. Hu veru li r-rikorrent ma riedx ihallas ghar-revizjoni li ma ssirx fil-prezenza tieghu izda daqshekk iehor it-Tribunal ihossu konvint li r-rikorrent kien dispost li jhallas li kieku l-awtoritajiet ippermettew li r-revizjoni ssir fil-prezenza tieghu jew ta' persuna ta' fiducja tieghu. U hawn tinsab l-ingustizzja li mhux biss tali dritt messu hu sancit izda kien ukoll diskuss fil-Parlament fejn propju kien il-Ministru tal-Edukazzjoni li ghamel ir-rimarki kwotati hawn fuq kif ukoll il-Kummissjoni ghall-Investigazzjni ta' Ingustizzji kienet tat id-decizjoni taghha. Ghalhekk it-Tribunal isib li saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent.

Il-pozizzjoni llum hi li fl-1999 ir-rikorrent inghata l-promozzjoni li tant kien argumenta fuqha u ghalhekk huwa inutli li t-Tribunal jordna li ssir revizjoni ghax ir-rikors kien intavolat fl-1997 u ghalhekk ir-rikorrent kien talab li jinghata l-fakulta` li ssirlu r-revision of papers. Huwa dubjuz ukoll kemm tali karti ghadhom jezistu. Fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal ghandu l-obbligu li jara t-telf finanzjarju li sofra r-rikorrent oltre minn dak li ghadda minnu l-istess rirkorrent bejn l-1993 u l-1999.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Direttur tal-Ezamijiet. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat u dan dejjem kif intqal hawn fuq, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn u hames mitt lira [LM2500].

Spejjez kontra l-intimat Direttur tal-Ezamiijiet hlief dawk relatati ghall-Ministru tal-Edukazzjoni li jibqghu a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------